

Rikors ippreżentat fil-21 ta' Novembru 2007 — RedEnvelope vs L-UASI — Red Letter Days (REDENVELOPE)

(Kawża T-416/07)

(2008/C 8/46)

Lingwa tal-kawża: L-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: RedEnvelope Inc. (San Francisco, l-Istati Uniti) (rappreżentant: A. Poulter, Solicitor)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Parti oħra quddiem il-Bord ta' l-Appell: Red Letter Days Ltd (Londra, ir-Renju Unit)

Talbiet tar-rikorrenti

- Tannulla d-deċiżjoni ta' l-Ewwel Bord ta' l-Appell, ta' l-14 ta' Settembru 2007, Nru R 756/2005-1, safejn id-deċiżjoni taċċetta li jiġu ppreżentati provi ġodda in sostenn tal-motvi ta' oppożizzjoni; tikkundanna lill-UASI jbati l-ispejjeż inkorsi mir-rikorrenti għal dan l-appell
- Motivi u argumenti prinċipali

Applikant għat-trade mark Komunitarja: ir-rikorrenti

Trade mark Komunitarja kkonċernata: it-trade mark verbali "REDENVELOPE"

għal servizzi fil-klassijiet 35 u 42 — applikazzjoni Nru 1 601 392

Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjala invokat in sostenn ta' l-oppożizzjoni: Red Letter Days Ltd

Trade mark jew sinjala invokat in sostenn ta' l-oppożizzjoni: it-trade marks verbali u figurattivi nazzjonali, kemm reġistrati kif ukoll mhux reġistrati, "RED LETTER", "RED LETTER DAYS" u "RED LETTER DAYS PLC", għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 9, 14, 16, 18, 21, 22, 25, 26, 33, 36, 39, 41, 42, 43 u 44

Deċiżjoni tad-Diviżjoni ta' l-Oppożizzjoni: L-oppożizzjoni intlaqgħet parzjalment

Deċiżjoni tal-Bord ta' l-Appell: L-annullament tad-deċiżjoni tad-Diviżjoni ta' l-Oppożizzjoni u r-rinviju tal-każ lid-Diviżjoni ta' l-Oppożizzjoni, sabiex din tkun tista' tagħmel evalwazzjoni supplementari inkwantu għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 8(4) tar-Regolament Nru 40/94

Motivi invokati: Ksur ta' l-Artikolu 74(2) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 40/94, peress li l-Bord ta' l-Appell aċċetta li jiġu ppreżentati provi ġodda, liema fatt ser jippermetti lid-Diviżjoni ta' l-Oppożizzjoni tiddeċiedi abbażi ta' provi li ma kinux disponibbli fl-istadji preċedenti tal-proċedimenti u li r-rikorrenti qatt ma kellha l-opportunità li tikkummenta dwarhom quddiem id-Diviżjoni ta' l-Oppożizzjoni.

Rikors ippreżentat fis-16 ta' Novembru 2007 — Lodato & C vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-417/07)

(2008/C 8/47)

Lingwa tal-kawża: It-Taljan

Partijiet

Rikorrenti: Lodato Gennaro & C. Spa (Castel San Giorgio, l-Italja) (rappreżentant: M. A. Calabrese, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

Talbiet tar-rikorrenti

- li tiġi annullata d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-8 ta' Ottubru 2007, SG/E/3/MIB/frw D(2007) 8690;
- li l-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej tiġi kkundannata tbati l-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Il-preżenti rikors qed isir kontra d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-8 ta' Ottubru 2007, li biha ġie miċħud l-aċċess għal xi dokumenti mibgħuta mill-Gvern Taljan lill-Kummissjoni waqt eżami preliminari ta' għajnuna ta' l-Istat Nru 701/98 u ta' l-għajnuna ta' l-Istat Nru 824/01, b'riferiment għall-oppożizzjoni għall-iżvelar min-naħa tal-Gvern Taljan wara konsultazzjoni mad-dipartimenti tal-Kummissjoni.

In sostenn tat-talbiet tagħha, ir-rikorrenti ssostni l-ksur u l-applikazzjoni żbaljata ta' l-Artikolu 4(5) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001, dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni⁽¹⁾. Huwa ddikjarat f'dan ir-rigward li l-Kummissjoni żbaljat meta interpretat din id-dispożizzjoni fis-sens li tagħti lill-Istati Membri setgħa li jipprojbixxu l-iżvelar ta' dokumenti ġejjin mill-Istat Membru u miżmuma mill-Istituzzjonijiet Komunitarji.

⁽¹⁾ ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43.